

# Statwi fil-Bażilka ta' Sant Elena ta' Birkirkara



Mario Fenech

Meta wieħed jitkellem dwar il-Bażilika ta' Sant Elena ta' Birkirkara l-ewwel ħsieb tiegħu bla dubju jmur fuq l-istatwa monumentali ta' Sant' Elena, xogħol l-iskultur Salvatore Psaila. Din l-istatwa titulari hija meqjusa minn ħafna bħala waħda mill-ewlenin fil-Gżejjer Maltin.

Dan il-fatt jista' jkun li forsi jnaqqas xi ftit mill-attenzjoni minn fuq l-istatwi l-oħrajn li f'din il-Bażilika Elenjana. Għażilt tnejn minn dawn l-istatwi għal dan l-artiklu tiegħi u l-ewwel waħda hija l-istatwa ta' San Ġużepp.



L-istatwa ta' San Ġużepp nħadmet fl-injam mill-iskultur Vincenzo Dimech fis-sena 1826. Din l-istatwa li matul is-sena tintrefa f'niċċa li hemm fid-daħla tal-lemin tal-faċċata tal-knisja. Din l-istatwa tikkumplimenta x-xogħol sabiħ li hemm fil-kwadru ta' fuq l-altar ta' dan il-qaddis padrun tal-knisja universali li sar mill-artist Malti Ġużeppi Cali fis-sena 1912.

Il-fratellanza ta' San Ġużepp twaqqfet fuq dan l-altar fis-sena 1804 u kienet tħaddan fiha lil dawk il-mastrudaxxi tar-raħal li ma kinux ftit dak iż-żmien. Din il-fratellanza matul is-snin ħadet ħsieb li żżejjen l-istatwa ta' San Ġużepp b'oġġetti ta' valur artiġjanali bħalma huma ż-żewġ simboli maħduma fil-fidda li jżommu f'idejhom ż-żewġ anġli żgħar li hemm mal-pedestall tal-istatwa. Dawn huma l-lexxuna u s-serrieq ta' San Ġużepp.





Xogħol sabiħ ieħor huma r-raġġieri ta' fuq l-irjus ta' San Ġużepp u l-Bambin flimkien mal-ġilju li narawh ħiereġ minn wara ras il-Bambin.

L-istatwa minbarra x-xogħol sabiħ fil-panneġġi u l-qagħda li biha San Ġużepp qiegħed iżomm lit-tarbija Ġesu f'idu, għandha xogħol ta' sgraffir u nduratura li tidher li ħarġet minn idejn tajba.

Statwa oħra li nsibu f'din il-Bażilika hija dik tal-Madonna tad-Duttrina li tinsab f'niċċa int u dieħel lejn is-sagristija tan-naħa tax-xellug. Il-fratellanza tal-Madonna tad-Duttrina kienet twaqqfet għall-ewwel darba lura lejn is-sena 1820. Ġiet riformata fis-sena 1857. Din il-fratellanza kienet tagħmel użu minn statwa tal-injam tal-Madonna tad-Duttrina bilqiegħda fuq tron qiegħda tirfes il-kotba tat-tagħlim qarrieqi taħt riġlejha. Din l-istatwa llum tinsab fil-knisja l-qadima.

Fis-sena 1930 saret l-istatwa li qegħdin nitkellmu dwarha f'dan l-artiklu. Inħadmet fil-kartapesta mill-istatwarju Karlu Darmanin. Il-Madonna l-istatwarju għamilha bil-wieqfa fuq tliet tarġiet b'id waħda kemmxejn 'il fuq qiegħda tagħti t-tagħlim nisrani lil żewġt itfal lebsin ta' abbatini, wieħed fuq it-tarġa t'isfel qiegħed iħares lejn il-Madonna , filwaqt li t-tifel l-ieħor qiegħed bil-wieqfa b'idejh ma xulxin b'ħarsa ta' ġabra u ta' talb.

Fuq it-tieni tarġa man-naħa tal-lemin anġlu żgħir qiegħed iżomm b'idejh 'il fuq l-ktieb tat-tagħlim nisrani b'idejn il-Madonna tistrieħ fuqu.

Din il-festa tal-Madonna tad-Duttrina kienet issir bil-kbir bħala sekonda festa ta' dan ir-raħal. Dawn iż-żewġ statwi ta' San Ġużepp u tal-Madonna tad-Duttrina huma biss il-bidu tar-rakkont twil li wieħed jibda meta jiġi biex jitkellem dwar l-opri sagri ta' valur artistiku kbir li hija mżejna bihom din il-Bażilika Elenjana ta' Birkirkara.